# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

Data tal-laqgħa: 14 ta' Settembru, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. billi ntqalet it-talba.

**24/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**24/01/01** Ma kienx hemm.

**24/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 23**

**24/02/01** Kien hemm korrezzjoni fil-Minuta Para 23/05/35: Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jitneħħa 2m *double yellow lines* u jiżdied 1m mal-ġenb biex jintrebaħ parkeġġ fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**24/02/02** **Para 23/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li Perit qed iħejji stima tax-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika.

**24/02/03** **Para 23/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali.

**24/02/04** **Para 23/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki peress li Sport Malta qeda f'kawża l-Qorti vs B'Kara St. Joseph.

**24/02/05** **Para 23/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Kien hemm qbil li nagħmlu kuntatt mal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici.

**24/02/06** **Para 23/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jiffinalizza l-*bill of quantities* biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund) għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **24/02/07** | **Para 23/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl saru imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc. |
| **24/02/08** | **Para 23/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech qed jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju. |
| **24/02/09** | **Para 23/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltqajna ma' uffiċjal minn Transport Malta fuq it-talba għal *sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's. |
| **24/02/10** | **Para 23/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Lands Authority talbitna sabiex nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata. |
| **24/02/11** | **Para 23/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq il-fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta. |
| **24/02/12** | **Para 23/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate. |
| **24/02/13** | **Para 23/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna. |
| **24/02/14** | **Para 23/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza. |
| **24/02/15** | **Para 23/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur. |
| **24/02/16** | **Para 23/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm u li x-xogħol għadu għaddej. |
| **24/02/17** | **Para 23/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *z-zebra crossings* ta' Triq San Ġwann u Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu qed jaħdmu. |
| **24/02/18** | **Para 23/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal knis tat-toroq se tagħlaq nhar it-22 ta' Settembru 2020. |
| **24/02/19** | **Para 23/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Lanċiritka kif ukoll Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard għadha ma saretx. Ġie deċiż li nitolbu lil Perit biex iħejji stima biex isir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard. |
| **24/02/20** | **Para 23/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ser ikun qed jagħmel *refreshing* tal-*speed limits* li għandna madwar ir-raħal. |
| **24/02/21** | **Para 23/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq in-Naxxar għadhom ma sarux. |
| **24/02/22** | **Para 23/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fuljett tal-Kunsill tqassam. |
| **24/02/23** | **Para 23/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc. |

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**24/02/24** **Para 23/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat iż-żebgħa sabiex nerġgħu niżbgħu c-*central strip* ta' quddiem l-Oratorju.

**24/02/25** **Para 23/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**24/02/26** **Para 23/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bgħattna ittra bl-Avukat lis-sidien tal-għalqa biex jirranġaw il-ħajt fi Triq San Bartilmew.

**24/02/27** **Para 23/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir *information panel* fi Ġnien il-Paċi fuq l-Għajn tal-ilma.

**24/02/28** **Para 23/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Bus Stop* 'Għargħur' li kien fi Triq San Bartilmew issa qiegħed f'Misraħ il-Knisja. Ġie deċiż li napplikaw biex isir *bus shelter* żgħir.

**24/02/29** **Para 23/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**24/02/30** **Para 23/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat bieb tal-a*luminum* bil-ħġieġ *double glazed* sabiex innaqqsu kemm nistgħu l-istorbju fl-Uffiċċju Amministrativ.

**24/02/31** **Para 23/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-irħama ta' Franġiska Fenech saret.

**24/02/32** **Para 23/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**24/02/33** **Para 23/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur se jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew.

**24/02/34** **Para 23/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx fi Triq Santa Katerina sar.

**24/02/35** **Para 23/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser napplikaw għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill.

**24/02/36** **Para 23/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna.

**24/02/37** **Para 23/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ipprovdejna *bowser* tal-ilma lil 'Grow 10 Trees'.

**24/02/38** **Para 23/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *central strip* fi Vjal ir-Repubblika għadha ma saritx.

**24/02/39** **Para 23/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena).

**24/02/40** **Para 23/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *double yellow lines* ta' quddiem iċ-ċimiterju għadu ma sarx.

**24/02/41** **Para 23/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet il-*works order* biex tiġi irranġata l-gate tal-Ġnien ta' Żagħruna għax qeda maqtugħa ħafna mill-art u t-tfal jistgħu joħorġu minn taħtha.

**24/02/42** **Para 23/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex tagħtina parir fuq jekk tistax issir *zebra crossing* qrib il-pjazza.

**24/02/43** **Para 23/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxa safra quddiem il-garaxx numru 1 fi Triq Mons. L. Catania saret.

**24/02/44** **Para 23/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat żewġ *bollards* għal Triq il-Qiegħed direzzjoni lejn Triq il-Kbira.

**24/02/45** **Para 23/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat mera għal Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Zerafa.

**24/02/46** **Para 23/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar approva l-erba' toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar.

**24/02/47** **Para 23/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sid l-għalqa irranġa l-ħajt tas-sejjieħ ta' Triq in-Naxxar.

**24/02/48** **Para 23/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat mera għal minn ikun ħiereġ minn Sqaq San Ġorġ.

**24/02/49** **Para 23/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Ministru Dr Ian Borg biex issir parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

**24/02/50** **Para 23/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *double yellow line* bejn id-dar numru 80 u l-garaxx numru 78 fi Triq Stiefnu Zerafa ħa ssir *site-visit*.

**24/02/51** **Para 23/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**24/02/52** **Para 23/05/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tawwalna d-*double yellow lines* li nsibu aħna u deħlin fit-Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa tax-xellug (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

**24/02/53** **Para 23/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sindku attendiet għal-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia ġewwa Reġjun Tramuntana.

**24/02/54** **Para 23/05/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella li tgħid 'din hija zona residenzjali kunu prudenti jekk jgħoġobkom tagħmlux storbju' għal Ġnien ta' Żagħruna.

**24/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24/03/01** Is-Sindku resqet li ssir laqgħa għal dawk ir-residenti li jrid jsebbħu l-ambjent bil-fjuri. Kien hemm qbil unanimu.

**24/03/02** Is-Sindku resqet li teħel mera fil-konfini ta' bejn il-Għargħur u n-Naxxar (min-naħa ta' Triq John Adye). Kien hemm qbil unanimu.

**24/03/03** Is-Sindku resqet li residenti jistgħu jgawdu minn bosta servizzi b'xejn relatati mal-manutenzjoni tal-kompjuter, permezz ta' ftehim ma' The Notebook Centre. Kien hemm qbil unanimu.

**24/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**24/04/01** Ma kienx hemm.

**24/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**24/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 t' Awwissu 2020).

**24/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn resident rigward parti ta' bankina fi Triq Fra Duminku Mifsud li baqgħet ma saritx. Il-Kunsill innota li bħalissa għaddej xogħol ta' kostruzzjoni, għaldaqstant il-bankina għadha ma saretx.

**24/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li qed jitlob li jiġu installati *bins* fi Triq Dimetriju Farrugia fejn ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu l-boroż suwed, bojod u griżi. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**24/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Silvana Agius – Direttiva 5/2020-Depożitu ta' flus fil-banek.

**24/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa.Silvana Agius – Direttiva 4/2020-L-Użu tal-Internet Banking.

**24/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Awwissu 2020).

**24/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – *RE: Request for Road Hump in front of No 26 in Triq Dun Karm Fenech, Għargħur.* Transport Malta ma ssib l-ebda oġġezzjoni biex issir road hump quddiem numru 26 fi Triq Dun Karm Fenech.

**24/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Pia Vassallo (Vivacity Ltd) – *Living Green Walls and Green Roofs.*

**24/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità. Is-Segretarjat qiegħed iniedi l-Premju Soċjetà Ġusta. Is-Sur Carl Grech issuġġerixxa li ninnominaw persuna mill-Għargħur. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li qeda titlob li ssir tabella *no entry* fi Sqaq Warda (min-naħa ta' Triq Katerina Sammut) għax qed jimblukkaw l-isqaq bil-karozzi. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li qed jitlob permess biex jirranġa l-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Settembru 2020).

**24/05/13** Fuq it-talba ta' residenta għal *parking bays* u tabella *'nose to kerb'* fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/14** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella '*no heavy vehicles'* fi Triq Gaspare Formica (Xwieki). Kien hemm qbil li nieħdu parir mingħand Transport Malta.

**24/05/15** Is-Sindku resqet li jitwaħlu tabelli li jindikaw li fiż-żoni rispettivi hemm kolonji ta' qtates. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/16** Fuq it-talba ta' residenta għal *road hump* ħdejn Ta' Cuschieri fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/17** Fuq it-talba ta' residenta għal *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). Peress li qabel ma saret it-triq, diġà kien hemm waħda. Kien hemm qbil unanimu li ssir mill-kuntrattur li għamel it-triq a spejjeż tiegħu.

**24/05/18** Fuq it-talba ta' residenta għal *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil li nieħdu parir mingħand Transport Malta.

**24/05/19** Fuq it-talba ta' residenta biex ikollhom *rubber corner* bejn dar numru 3 u dar numru 4 fi Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/20** Fuq it-talba ta' residenta biex jeħel *dog bin* fil-kantuniera ta' Sqaq Warda ma' Triq Katerina Sammut. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal fanal ġdid fi Sqaq Ružarju. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/22** Fuq it-talba ta' residenta biex ngħidu lil Malta Public Transport biex il-bus 46 u 260 ma jiġux eżattament wara xulxin. Is-Sur Christopher Fenech spjega li peress li ma hawnx venda, il-ħin bejn il-buses jista' jvarja. Hu ħareġ b'suġġeriment sabiex wieħed mill-ħaddiema tagħna jieħu nota ta' xħin qed jitilgħu l-buses f'Misraħ il-knisja fi ġranet u ħinijiet differenti. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/23** Fuq is-suġġeriment ta' residenta sabiex ikun hawn *Community Garden* fejn ir-residenti jingħataw biċċa art fejn ikunu jistgħu jkabbru l-ikel u jissoċjalizzaw. Is-Sur Christopher Fenech ippropona li l-*Community Garden* ikun fil-Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/24** Is-Sindku resqet li jitwaħlu żewġ *bollards* fi Triq Mons L. Catania (fil-biċċa t'isfel). Kien hemm qbil unanimu.

**24/05/25** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li jkollna *bus stop* temporanju fi Triq Caravaggio minflok *bus stop* 1079 li kien fi Triq Caravaggion k/m Triq il-Qiegħed. Is-SE se tikteb lil Malta Public Transport.

**24/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina qal li għandna niktbu kemm lil ERA u lil Cleansing and Maintenance Division sabiex inaddfu r-rimi illegali minn Wied Anġlu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24/05/27** Is-Sur Abraham Aquilina qal li irċieva ilment fuq arblu ta' dawl li qed jostakola t-triq fi Sqaq il-Qiegħed. Is-Sindku qalet li marret fuq il-post u li l-arblu ta' dawl jinsab fil-ġenb tat-triq u mhu qed jiddisturba lil ħadd.

**24/05/28** Is-Sur Abraham Aquilina talab li jitneħħa bank li qiegħed fuq bankina fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24/05/29** Is-Sur Abraham Aquilina talab li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24/05/30** Is-SE resqet li ninvestu f'sistema ta' permessi *online*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24/05/31** Is-SE qalet li peress li mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' *Tender for the street sweeping in the locality of Ħal Għargħur using low emission service vehicle* huwa Best Price-Quality Ratio, l-membri tal-bord ta' evalwazzjoni se jkunu l-Avukat Dr. John Gauci, l-*Accountant* is-Sur Michael Debono kif ukoll is-Sur Kenneth Brincat. Kien hemm qbil unanimu.

**24/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**24/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**24/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**24/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 13 t'Ottubru 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**